MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2014

Numru. 304/2014

**Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Zammit)**

**vs**

**DONALD VELLA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **DONALD VELLA** bin Michael u Carmen nee' Vella, imwieled Attard fid-9 ta' Lulju, 1971 u residenti 25, 'Doniana', Triq Guze' Bajada, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita' numru 295271(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

Fix-xahar ta' Settembru, 2011, gewwa dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Tony (Anthony-Noel) Attard detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 312269(M).

U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor ghamel qliegh iehor b'qerq ghall-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Tony (Anthony-Noel) Attard detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 312269(M).

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat mmarkat bhala Dok. CSH a fol. 10, il-fedina penali tal-imputat mmarkata bhala Dok. CSH1 a fol. 11, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Marzu, 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. CSH2 a fol. 12 tal-Process, id-Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd ghall-Parir Legali mmarkat bhala Dok. CSH3 a fol. 13, l-istqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok. CSH4 a. fol. 14 et seq., okkorrenza mmarkata bhala Dok. CSH5 a fol. 16 et seq., *bounced cheque* mmarkat bhala Dok. CSH6 a fol. 19 u *bank statement* immarkat bhala Dok. CSH7 a fol. 20 u 21 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il Qorti kif preseduta b'digriet tal-Prim Imhallef datat 21 ta April, 2014 u l-kawza giet appuntata ghat-3 ta Gunju, 2014 f'liema data nstemghu xi xhieda.

Illi nhar it-3 ta’ Gunju, 2014 xehed l-**Ispettur Roderick Zammit** u kkonferma l-akkuzi li huwa hareg fil-konfront tal-imputat li gharaf prezenti fl-Awla. Spjega l-azzjoni odjerna ttiehdet li wara certu Tony Attard bil-karta tal-identita' 312269(M) mar jaghmel rapport gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug illi kien silef xi flus lil certu Donald Vella bil-karta tal-identita' 295271(M). Jghid li aktar tard ukoll Tony Attard kien ipprezenta cekk iehor, liema cekk ma ttiehdet ebda azzjoni fuqu peress illi dan it-tieni cekk qatt ma kien ipprezentat gewwa bank.

Huwa pprezenta c-cekk li gie mghoddi lilu minn Tony Attard illi kellu l-kliem *refer to drawer* datat l-ewwel (1) ta' Settembru, elfejn u hdax (2011), dan gie mmarkat bhala CSH6. Ikkonferma li c-cekk kien mahrug f'isem Ventur Commercials Company Limited ghas-somma ta' erba' mija, hamsa u sebghin ewro (€475). Ipprezenta ukoll *statement* mahrug mill-bank lokali Bank of Valletta fejn juri illi c-cekk relatat ma setghax jigi msarraf ghaliex kien hemm *insufficient funds* fl-*account* relatat mal-istess cekk li gie mmarkat bhala CSH7. Xtaq jghid li effettivament li c-cekk in kwistjoni ma kienx *endorsed* favur terz huwa ffirmat fuq il-parti ta' wara minn rappresentant ta' Ventur Commercials u cioe' Keith Grima. Mistoqsi jekk meta huwa tkellem ma' Donald Vella kienx qallu li Toni Attard kellu xi affarijiet tieghu ghandu qal li iva fil-fatt kellmu u qallu. Iva u nfatti b'relazzjoni mal-istqarrija diga' esebita Donald kien semma' illi kellu xi satelliti u xi affarijiet ohra ghand il-kwerelant. Gie mistoqsi jekk qallux illi dawn kienu qeghdin jaghmlu tajjeb ghac-cekk huwa spjega li le. Jghid li kien cekk iehor fl-ammont ta’ elfejn u mitejn euro (euro 1200) li kellu

fi-pussess tieghu li kien jaghmel tajjeb ghalihom infatti kien qallu biex ma jsarfux u nfatti ma marx isarfu.

Ic-cekk mertu tal-kawza fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u sebghin Ewro (€475) kien originarjament dovut ghal xi xoghol u affarijiet li l-kwerelant kien irid itih u l-kwerelant ma tahomlux u kien ghalhekk li ghamillu *stop payment*. Meta mbaghad l-investigazzjoni tal-Pulizija kompliet fil-verita' irrizultalha li *stop payment* ma kienx hemm anzi kien hemm illi l-imputat wehel xi *charges* talli ma kienx hemm flus fl-*account*.

Illi nhar it-3 ta' Gunju, 2014 xehed **Romwald Attard** in rappresentanza tal-Bank of Valletta u dan wara li huwa kien gie ezentat mill-Qorti stess sabiex jixhed f'dawn il-proceduri limitatament dwar il-kont ta' Donald u Fabiana Vella. Ghamel referenza ghall-Business Over Draft Account tal-istess persuni li huwa ghadu kif indika kont numru 40015858058. Dan ic-cekk mertu tal-kawza esebit fl-atti hareg minn *joint account* f'isem Donald u Fabiana Vella. Huwa esebixxa *statement* ta' dan il-kont referibbilment ghall-perijodu bejn it-tmintax (18) ta' Lulju, tas-sena elfejn u hdax (2011) u l-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru, tal-istess sena elfejn u hdax (2011).

Xtaq jghid illi l-imputat kellu limit fl-*overdraft* li kellu fl-ammont ta' erba t'elef u sitt mitt Ewro (€4,600). Fil-fatt kif jirrizulta minn ezami ta' dan l-istess rendikont l-istess imputat ecceda dan il-*limit* moghti lilu. Spjega li dakinhar il-limit tal-kont ta' Donald Vella kien diga' in

excess ta' *four thousand six hundred* (4,600) u kien ghalhekk li c-cekk esebit u mmarkat bhala dok CSH 6 numru 205 ma setghax jissarraf.

Illi nhar it-3 ta’ Gunju, 2014 xehed **PS 1240 Joseph Camilleri** u spjega li huwa qed jara l-okkorrenza esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala dokument CSH5. Spjega li din l-okkorrenza ghamilha hu u dan wara li certu Noel Attard kien mar jaghmel rapport fejn allega illi effettivament huwa kien sellef xi flus lil Donald Vella u dan fl-ghoxrin (20) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil-fatt kien qal ukoll illi kien silifhomlu sabiex jixtrilu xi merkanzija ghall-hanut tieghu u nsegwitu wara li kien silfu dawn il-flus irrizulta illi Donald naqas li jgiblu din il-merkanzija. Sussegwentement l-imputat ghaddielu cekk fl-ammont ta' *four hundred and seventy five Euros* (€475), liema cekk pero’ ma ssarrafx.

Xtaq jghid li effettivament in segwitu Tony Attard kien mar ghand Ventur Commercials sabiex isarraf dan l-istess cekk u dan sabiex ihallas kambjala fuq karozza li huwa kien xtara minghand Ventur Commercials u meta in segwitu Ventur mar biex isarraf dan l-istess cekk kien infurma lil Tony Vella li dan ic-cekk ma ssarrafx. Kien ghalhekk li sussegwentement baghat ghal Donald Vella li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat odjern u fil-fatt qallu li c-cekk kien hargu fuq numru ta' kont hazin u cioe' li ma kellux hsieb hazin. Sussegwentement qallu biex jerga' johrog cekk mill-gdid pero' irrizultalu li ma kienx lahaq qbil mal-kwerelant Tony Attard.

Illi nhar is-7 ta’ Lulju, 2014 xehed **Keith Grima** in rappresentanza tas-socjeta' Ventur Auto Imports li tinsab Hal Lija. Meta gie muri c- cekk mahrug mill-Bank of Valletta f'isem Donald and Fabiana Vella fl-ammont ta' 475 euros datat l-1 ta' Settembru, 2011 esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument CSH6 a fol. 19 ikkonferma  li dan ic-cekk kien gie moghti lilu bhala pagament fuq bejgh ta' vettura u spjega li sa llum il-gurnata dan ic-cekk ghadu ma ssarrafx. Mistoqsi jekk jiftakarx min kien ghaddielu dan ic-cekk spjega li ilu ftit taz-zmien u ghalhekk illum il-gurnata nesa.

Illi nhar is-7 ta’ Lulju, 2014 xehed minn jeddu l-imputat  **Donald Vella** u kkonferma li c-cekk esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument CSH6 a fol. 19 kien hargu hu. Spjega illi Tony Attard kien ghamillu xi xoghol u kien igiblu ukoll xi affarijiet. Meta dan Attard kien lesta mix-xoghol huwa hariglu c-cekk Dok CSH 6 biex ihallsu tas-servizz u spjega li Attard kien jonqsu jghaddilu xi affarijiet, fosthom xi satelliti u DVD's . Cioe’ nonnostante pero’ jghid li Attard ma gablux l-kumplament tax-xoghol u baqa' minghajrhom minkejja li kienu ftiehmu dwarhom. Cempillu ghal darba, darbtejn biex jitolbu jghatih il-kumplament ta’ dak li kellu jikkonsenjalu pero’ dan kien ghal xejn u ghalhekk  ma ddepozitax il-flus fil-kont tieghu sabiex  ic-cekk ma jissarrafx. Huwa qatt ma ghamel *stop payment*. B'hekk jghid li huwa kien konxju li fil-*bank account* tieghu ma kienx hemm flus meta hareg ic-cekk Dok CSH 6.

L-imputat pero' kien irrilaxja stqarrija ukoll u dan nhar is-7 ta Frar, 2014 u f'din l-istqarrija jghid li kien ghamel *top payment* fuq dan ic-cekk mertu tal-kawza ghalkemm jghid li flus fil-kont kellu dakinhar li hareg ic-cekk u li dakinhar li rrilaxja l-istqarrija fil-kont ma kellux flus ghaliex kien inghalaq. Jichad dak li gie mistoqsi lilu li kien issellef xi flus minghand il-kwerelant u li hadlu xi nteressi. Jghid ukoll li kien gharraf lil Tony Attard li kien hareg *stop payment* fuq dan ic-cekk li kien tah.

Illi nhar is-7 ta Lulju, 2014 il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u jitolbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruha ghall-provi processwali u qalet li l-imputat ghandu jinstab hati u dan ghaliex huwa hareg cekk sabiex jaghmel tajjeb ghal xi servizz meta kien jaf li flus fil-kont ma kellux u dan l-agir huwa dak li jammonta ghar-reat in desamina u cioe' ta' frodi.

Id-difiza minn naha l-ohra tghid li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li c-cekk mertu tal-kawza kien gie msarraf u in oltre naqset li tipprova l-element ta' ingann rikjest ghall-esistenza ta' dan ir-reat u ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar id-9 ta' Ottubru, 2013 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Jean Claude Micallef**. Illi din il-Qorti naturalment qrat din

is-sentenza li ghamlet referenza ghaliha d-difiza u dik il-Qorti kienet illiberat lill-imputat f'dik il-kawza ghaliex ma dehriliex li l-kwerelant f'dik il-kawza kien gie ngannat. Jinghad pero' li f'dik il-kawza l-hlas ma kienx ghadu sar u dan ghaliex il-kwerelant f'dik il-kawza ma kienx onora l-ftehim li kien hemm bejnu u bejn l-imputat. F'dan il-kaz pero' il-pagament sar u sar meta l-istess imputat kien jaf li fil-kont bankarju tieghu ma kellux flus.

Ikkunsidrat.

Fir-raba' kaz l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' frodi kif kontemplat fl-Artikolu 308. Din il-Qorti ghal kull buon fini, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mark Schembri** fejn hemm dettaljatament deskritt l-origini ta' dan ir-reat fis-sistema nostrana kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mill-ligi taghna ghal biex jigi ntegrat ir-reat ta' truffa.

Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna, kienu gew mehuda minn Sir Adrian Dingli mill-paragrafu **5 tal-Artikolu 430** tal-Codice delle due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinifikanti ghall-Kodci Franciz (**Artikolu 405**), avolja dan, il-Codice delle due Sicilie, it-truffa kien isejhilha frodi - del resto anke llum dan id-delitt fil-Kodici taghna, hu ndikattiv bhala *'frodi b'ghemil qarrieqi'*.

Skond il-gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif preseduta taqbel maghha, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li gejjin:

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista’ jkun kulhadd inkluz l-imputat.

Fit-tieni lok il-legislatur aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali ndividwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt ta' truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew

b. billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew

c. ta' kwalifiki foloz,

d. billi jinqeda b'qerq iehor, u

e. ingann, jew

f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esiztenza ta' intraprizi foloz

g. jew ta' hila

h. setgha fuq haddiehor, jew

i. ta' krediti mmaginarji, jew

j. sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Fis-sentenza tas-sebgha u ghoxrin ta' Mejju, 1995 moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Rex v Vittorio Azzopardi** (vol.XXIX - IV - pg. 398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn **Chaveau et Helie** u anke minn sentenzi tal-Corte di Cassazzione ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu mpjegati biex

jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajjmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. F'dik is-sentenza ssemmiet ukoll is-sentenza **Regina v Giuseppe Galea** tat-tnax ta' Mejju, 1887 fejn gie stabbilit li:-

"*che per costituire la frode sotta la disposizione di quel articolo 282(illum 308) non e' necessario la concorrenza di ambedue i mezzi*

*menzionati nell'atto di accuse essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza din un credito immaginario anche senza un artifizio contrario ai regolamenti*"

Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna. L-Imhallef William Harding fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nikola Bonnici** deciza fis-sebgha u ghoxrin ta' Mejju, 1944 jghid:-

"*il-Qorti t' isfel fis-sentenza taghha...waslet ghal konkluzzjoni li hemm*

*bzonn biex ikun reat taht l-**artikolu 309** (illum 308) illi dak il-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-merti tal-iffrodat*".

Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza **Regina v Francesco Cachia u Charles Beck** deciza fit-tnejn ta' Jannar, 1896 li fiha intqal li:-

*'quel articolo non richiede solamente una asserzione mensoniera e falza ma richeiede inoltre  che siano stato impegnate inganno, raggire o simulazione ed e necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a  darla fede*."

L-Imhallef Guze Flores fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis** deciza minn din il-Qorti fil-wiehed u tletin ta' Ottubru,

1959, segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhu hekk:

"*Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-***artikolu 322** *(illum* **308***) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita specifika li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal-falzita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur*"

Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti lil dawk l-esterjorita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mis en scene. L-istess interpretazzjoni l-Imhallef Flores irrepetiha fis-sentenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet **Police v Schreiner** tat-tlieta ta' Mejju, 1956 u fil-

kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Gerald Parretti** deciza fis-sebgha ta' April, 1950.

Kwantu jirrigwarda l-element formali cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo

ta' dan r-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-**Artikolu 308** tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "*bi hsara ta' haddiehor*" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.

Ghal dak li hi definizzjoni jew tifsira x'inhuma akkuzi jew raggiri (mise en scene), id-definizzjoni moghtija mill-**Antolisei** fil-ktieb tieghu Manuale di diritto penale (vol 1 - pg. 280) hija bizzejjed:

"*nel suo significato letterale artifizio e' ogni studiato trasfigurazione del vero, ogni cammufamento della realta affettuate sia simulando cio che non esiste (per ezempio, richezze, titoli, nome, qualita ecc.) sia dissimulando vale a dire, nascondendo cio che esiste ( per ezempio il proprio stato di insolvenza*.)"

In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li: "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi nnominata jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent (**Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul**, App. Krim., 20/6/97); ara ukoll (**Il-Pulizija v. Daniel Frendo**, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140)."

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta car li l-imputat hareg cekk meta kien jaf li ma kellux flus fil-kont bankarju tieghu kif del resto stqarr hu stess fuq il-pedana tax-xhieda u hu appuntu ghalhekk li dan ir-reat jirrizulta l-ghaliex b'din l-azzjoni l-imputat inganna lill-vittma u dan ghaliex il-vittma dak il-hin haseb li kien qed jithallas ghas-servizz moghti minnu. Tant hu hekk li permezz ta' cekk huwa mar sabiex jonora obbligu li kellu mas-socjeta' Ventur Commercials sabiex ihallas kambjala fuq karozza li kien xtara minghandu. Ili ma hemmx dubju li l-imputat kien koxjenti ta' dak li ghamel u li agixxa ntenzjonalment sabiex jiddefroda lill-vittma u dan meta huwa hareg cekk li kien jaf li ma jissarrafx sabiex minn ghalih jehles minn obbligu li kellu li jeffettwa pagament. Ghalhekk kemm l-element materjali (il-hrug ta' cekk minn fuq kont li ma kellux flus) u l-element intenzjonali (li jiddefroda lill-vittma) huma prezenti f'din ic-cirkostanza.

Illi dwar il-piena pero' il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali relattivament tajba salv u b'ecezzjoni ghall-*conviction* wahda registrata fis-sena 2007 li hija ta' portata de minismis dwar ksur tas-*subsidiary legislation* 409.15 naxxenti mit-Trading License Ordinance fejn gie kkundannat ihallas multa ta' hamsa u sebghin ewro (ewro 75). Rat ukoll li l-ammont li ddefroda lill-vittma kien qieghed ukoll de minimis fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u sebghin ewro (ewro 475).

Ghaldaqtant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' **l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li issib lill-imputat hati tar-reat ta' frodi b'ghemil qarrieqi li jinkorpora fih ir-reat ta' frodi semplici u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 21(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------